MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 112/2003

Felice Azzopardi,
U b'degriet tal-5 ta' Mejju, 2008
Dr. Kevin Mompalao ġie nominat
Bħala kuratur sabiex jirrappreżenta
Lil Felice Azzopardi fl-atti tar-rikors
Ġuramentat u fl-atti l-oħrajn kollha
relattivi u sussegwenti.

vs

Elena sive Lina Bugeja,
Angolina Borg,
Mary Jane Bajada,
Maria Calleja,
Assunta Vassallo,
Mary Calleja, li b'degriet tas-
16 ta' Dicembru 2003 giet maħtura
Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta lill-
Imsiefra Josephine Vella, Pawla Vella,
Elizabeth Bugeja u Carmela Xerri,

U b'degriet tal-20 ta' Settembru 2005,
L-avukat Philip Manduca LL.D. ġie
Nominat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin
Josephine Vella, Pawla Vella,
Elizabeth Bugeja u Carmela Xerri.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) mniet f'Victoria, Għawdex Carmelo Azzopardi missier l-attur u missier il-konvenuti f'din il-kawża. Filwaqt illi fit-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) mietet fix-Xewkija Għawdex Giovanna Rosa Azzopardi nee' Apap omm l-attur u l-konvenuti f'din il-kawża.

Illi Carmelo Azzopardi rregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Silvio Hili datat l-erbatax ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) (b'liema testment l-attur sar jaf biss riċentement peress li dan it-testment ma ġiex insinwat minn l-istess nutar.
Illi f'dan it-testment tiegħu Carmelo Azzopardi wara li ħalla xi legati nnomina lil tmienja minn uliedu (il-konvenuti kollha barra Carmela Xerri) bħala werrieta tiegħu, u ħalla lil attur leat ta' tlett elef liri maltin (LM3000) fi flus kontanti.
Illi Giovanna Rosa Azzopardi rregolat il-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo datat l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru ta' l-elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981).
Illi f'dan it-testment Giovanna Rosa Azzopardi innominat lil għaxart uliedha, ċioe' l-kontendenti kollha f'din il-kawża bħala werrieta tagħha fi kwoti indaqs bejniethom.
Illi l-attur ma jridx jaċċetta l-wirt ta' missieru kif imħolli u jrid li jeżerċita d-dritt tiegħu għal leġittima fuq dan il-wirt.
Illi l-attur irid li tiġi likwidata lilu l-leġittima dovuta lilu skond il-liġi.
Illi din il-leġittima trid tiġi likwidata fuq il-beni kollha li missieru Carmelo Azzopardi kellu fid-data tal-mewt tieghu, flimkien ma' dawk id-donazzjonijiet li għamel matul ħajtu

kif jiġi dettaljatament pruvat fil-kors tas-smiegħ ta’ din il-kawża.
Illi fost id-donazzjonijiet li għamel missieru Carmelo Azzopardi hemm fond fl-indirizz tlieta u ħamsin (53) Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, Malta, li allegatament inbiegħ lil konvenuti Assunta Vassallo, Helen Bugeja, Maria Calleja, Angela sive Angolina Borg u Mary Jane Bajada, permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tal-15 ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) li inbiegħ għal prezz redikolu ta’ ħdax-il elf u ħames mitt lira Maltin (Lm11,500) meta fil-verita’ dan il-fond kien jiswa ħafna aktar, u għalhekk dan il-bejgħ huwa biss wieħed simulat u donazzjoni moħbija. Kwindi l-attur jissottometti li dan il-fond għandu jiġi kkalkulat bħala donazzjoni għal finijiet tal-leġittima, flimkien mad-donazzjonijiet u l-assi l-oħrajn.
Illi l-attur dejjem aċċetta l-eredita’ ta’ ommu.
Illi l-attur ma jridx jibqa’ fi stat ta’ komunjoni mal-konvenuti.
Illi ma hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar l-użu u t-tgawdija tal-beni posseduti in komun u għalhekk jinħtieġ li jigi nominat amministratur sabiex l-assi eredotarko jkunu jistgħu jiġu gawduti b’mod aktar ekwu u ġust.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tinnomina taħtar amministratur fit-termini ta’ l-artikolu erba’ mija u erbgħa u disgħin (494) tal-Kodiċi Ċivili sabiex jamministra l-beni in diviżjoni.

2. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ġia eżistenti bejn l-imsemmija Carmelo u Giovanna Rosa konjuġi Azzopardi billi jiġi dikjarat li tikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawża.

3. Taqsam il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata f’żewġ porzjonijiet ugwali li għandhom jiġu assenjati, waħda lil kull wieħed minn l-assi partikolari tal-konjuġi Azzopardi fuq imsemmija.

4. Tillikwida l-assi partikolari ta’ Giovanna Rosa Azzopardi (nee’ Apap) billi jiġi dikjarat li jikkonsistu

f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-oħrajn kollha parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża.

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikiolari ta' l-imsemmija Giovanna Rosa Azzopardi f'għaxar porzjonijiet ugwaloi u tiddividihom bejn il-kontendenti, u kemm-il darba jirriżult li dawn l-assi ma humiex kommodament diviżibbli, tordna l-bejgh b'liċitazzjoni tagħhom u taqsam ir-rikavat.

6. Tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Carmelo Azzopardi billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs il-kommunjoni ta' l-akkwisti kif fuq likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha, mobbli u mmobbli partikolari li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

7. Tillikwida l-leġittima spettanti lil attur minn l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Carmelo Azzopardi liema leġittima għandha tiġi likwidata skond il-liġi, fuq dawk l-assi kollha likwidati fis-sitt talba u dawk l-assi li ġew minnu donati matul ħajtu.

8. Tiddikjara illi l-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tal-15 ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (20025) li permezz tiegħu ġie mibjugħ il-fond fl-indirizz tlieta u ħamsin (53) Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, Malta, lil konvenuti Assunta Vassallo, Helen Bugeja, Maria Calleja, Angela sive Angolina Borg u Mary Jane Bajada, permezz ta' kuntratt, li inbiegħ għal prezz redikolu ta' ħdax-il elf u ħames mitt liri maltin (Lm11,500) huwa fil-fatt donazzjoni simulata u għalhekk għandu jiġi kkalkulat bħala donazzjoni għal finijiet tal-leġittima, flimkien mad-donazzjonijiet u l-assi l-oħrajn.

9. Tassenja l-leġittima hekk likwidata lill-attur u fejn dawk il-beni ma jistgħux jiġu hekk assenjati għax ma humiex kommodament diviżibbli tordna l-bejgħ b 'liċitazzjoni tagħhom.

Bl-ispejjeż kollha inkluż il-mandat ta’ deskrizzjoni preżentat kontestwalment ma’ din iċ-ċitazzjoni. Bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur maħlufa minnu.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok m’hemmx lok għal ħatra ta’ amministratur fit-termini tal-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili stante li għad-divizjoni hemm biss fond wieħed bin-numru 111, Triq St Bartholomew, Xewkija, Għawdex;

2. Illi fit-tieni lok huma ma jopponux ruħhom għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Giovanna Rosa Azzopardi, salv li fl-ewwel lok jiġu verifikati l-kwoti ta’ bejn il-kontendenti;

3. Illi fit-tielet lok l-attur irid jipprova li ppreżenta nota fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja li in forza tagħha huwa rrinunzja għall-eredita’ tal-missier, Carmelo Azzopardi u rriserva li jikkonsegwixxi l-leġittima lilu dovuta skond il-liġi;

4. Illi fir-raba lok irridu l-ewwel nett jiġu likwidati u jitħallsu l-kuri, servizzi u assistenzi li l-konvenuti, Elena Bugeja, Angolina Borg, Maria Calleja, MariaAssunta Vassallo u MaryJane Bajada rrendew lill-mejjet missierhom, Carmelo Azzopardi martu dawna l-aħħar diversi snin;

5. Illi fil-ħames lok għar-rigward il-kuntratt li kien ġie ppubblikat minn Nutar Silvio Hili m’huwiex minnu illi hemm xi simulazzjoni relattiva għar-rigward it-transferiment tal-fond bin-numru 53, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, Malta.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Elena Bugeja.

Rat in-nota tal-kontendenti ppreżentata fl-udjenza ta' l-20 ta' Ottubru 2009 fejn talbu sentenza a bażi ta' transazzjoni milħuqa bejniethom permezz ta' skrittura privata ta' l-1 ta' Settembru 2009.[1]

Rat il-verbal tagħha ta' l-20 ta' Ottubru 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Settembru 2009, l-kontendenti ftehmu li jittransiġu l-pendenzi tagħhom bil-mod segwenti:

1. is-sehem ta' nofs (1/2) indiviż mid-dar bin-numru mija u ħdax (111) Triq San Bert, ix-Xewkija, Għawdex, għandu jinqasam bejn il-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom; b'tali mod illi l-kontendenti Felix Azzopardi u Carmela Xerri għandhom jieħdu wieħed minn għaxra (1/10) indiviż minn dan il-fond, minflok it-tlett elef lira maltija (Lm3000), imħollija lilhom minn missierhom, l-istess bħal ħuthom il-bniet l-oħra li wkoll jieħdu wieħed minn għaxra (1/10) indiviżi kull waħda mill-istess fond;

2. in-nofs indiviż (1/2) spettanti lill-missierhom mis-segwenti artijiet għandu jinqasam ugwalment bejniethom, b'tali mod illi Felix Azzopardi u Carmela Xerri jieħdu wieħed minn għaxra (1/10) indiviżi kull wieħed/waħda mill-imsemmija proprjeta', flimkien ma' ħuthom il-bniet l-oħra, li wkoll jieħdu kull waħda minnhom sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10) indiviżi, u ċioe':

(a) l-art magħhrufa "tat-Torri", limiti ta' l-Għhasri, Għhawdex, tkejjel circa ħames mija u ħames metri kwadri (505m.k.), tmiss nofsinhar mat-triq, lvant ma' beni ta' Michelangelo magħruf "ta' Geddumu", tramuntana ma' beni ta' Michelangelo magħruf "tad-Dillur", kif murija aħjar bil-kulur aħmar fuq il-pjanta annessa ma' l-istess ftehim bħala Dokument A;

[1] Kopja ta' liema tinsab annessa ma' l-istess Nota a fol. 162 – 169 .

(b) l-art magħrufa "ta' Pantu", limiti ta' l-Għasri, Għawdex, tkejjel circa seba' mija tlieta u tletin metri kwadri (733m.k.), tmiss tramuntana ma' beni tal-familja Mercieca, nofsinhar ma' beni tal-familja Azzopardi u lvant mat-triq, kif murja aħjar bil-kulur aħmar fuq il-pjanta annessa ma' l-istess skrittura bħala Dokument B;
(c) l-art magħrufa "ta' Wied is-Seqer", limiti ta' l-Għasri, Għawdex, tkejjel circa tmien mija sitta u għoxrin metri kwadri (826m.k.), tmiss tramuntana ma' Wied is-Seqer, nofsinhar mas-sies u punent ma' beni ta' Coronato Apap, kif murija aħjar bl-aħmar fuq il-pjanta Dokument C anessa ma' l-istess ftehim;

(d) l-art magħrufa 'Tal-Gruwa", limiti ta' Sannat, Għawdex, tkejjel circa mija u tmenin metru kwadru (180m.k.), tmiss lvant u grigal ma' beni ta' Michael Buttigieg, u nofsinhar ma' beni ta' John Mary Buttigieg, kif murija aħjar bil-kulur aħmar fuq il-pjanta Dokument D anness ma' l-istess ftehim;

3. Is-sehem ta' nofs indiviż li kien jappartjeni lill-omm il-kontendenti mill-fond numru mija u ħdax (111) Triq San Bert, ix-Xewkija, u l-porzjonijiet ta' art hawn fuq indikati, għandhom jigu regolati skond id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' ommhom;

4. Immedjatament wara din is-sentenza il-fond bin-numru mija u ħdax (111) Triq San Bert, ix-Xewkija, Għawdex, għandu jitqiegħed għall-bejgħ għal prezz li għandu jigi miftiehem mill-kontendenti, li pero' m'għandux ikun anqas minn mija tmienja u disgħin elf euro (EUR198,000);

5. Hekk ukoll wara din is-sentenza, l-artijiet hawn fuq indikati għandhom jitqiegħdu għall-bejgħ għal prezz li jrid jiġi miftiehem mill-kontendenti;

6. Il-kontendenti għandhom jaġixxu b'tali mod li jassiguraw il-bejgħ ta' dawn il-beni fl-iqsar żmien u bl-aħjar prezz possibbli u li bl-ebda mod ma jfixxklu dan il-bejgħ;

7. Assunta Vassallo, Helen Bugeja, Maria Calleja, Angiolina Borg u Mary Jane Bajada, flimkien mar-rispettivi żwieġhom, għandhom iżommu l-proprjeta' tal-fond numru tlieta u ħamsin (53) Triq Patri Mariano Vella, qabel magħrufa bhala Strada Rosa, tas-Sliema, Malta, u l-kontendenti l-oħra ma jkollhom ebda pretensjoni fuq l-istess fond; b'dana illi Assunta Vassallo, Helen Bugeja, Maria Calleja, Angiolina Borg u Mary Jane Bajada, għandhom iħallsu lil kull wieħed/waħda mill-kontendenti l-oħra s-somma ta' sebat elef euro (EUR7000); b'dana wkoll illi dawn il-pagamenti għandhom isiru mir-rikavat tal-prezz tal-bejgħ tal-fond numru mija u ħdax (111) Triq San Bert, ix-Xewkija, hekk kif jidħlu dawn il-flus, ħlief għall-pagament tas-sebat'elef euro (EUR7000) dovuti lil Felix Azzopardi, li tħallsu kwantu għal tlett elef u ħames mitt euro (EUR3500) fuq l-istess ftehim u ta' liema ħalla d-debita riċevuta fuq l-istess ftehim, u l-bilanċ jitħallas malli jidħlu l-flus mill-bejgħ tal-fond imsemmi, u ċioe' fuq il-kuntratt ta' bejgħ relattiv;

8. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati mill-kontendenti kulħadd skond sehmu;

9. Mill-bqija l-kontendenti ddikjaraw li ma kien baqgħalhom ebda pendenzi oħra bejniethom.

In vista għalhekk ta' din it-transazzjoni u t-talba tal-kontendenti li jingħataw sentenza a bażi ta' dan il-ftehim, il-Qorti tiddecidi din il-kawża billi tordna t-twettieq tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti bl-iskrittura ta' l-ewwel (1) ta' Settembru 2009, skond ma ġie indikat hawn fuq.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati mill-kontendenti, kulħadd skond sehmu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------